# EU-MIDIS f'daqqa ta' għajn

## Introduzzjoni għall-istħarriġ tal-FRA dwar id-diskriminazzjoni madwar l-UE

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

2009

**EU-MIDIS**

Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni

**Malti**

FRA
EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# EU-MIDIS f'daqqa ta' għajn

## Introduzzjoni għall-istħarriġ tal-FRA dwar id-diskriminazzjoni madwar l-UE

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

# Introduzzjoni tal-FRA u tal-UE-MIDIS

Il-popolazzjoni tal-UE hija mħallta ħafna u kulma jmur qiegħda ssir dejjem aktar hekk. Flimkien mal-minoranzi stabbiliti, bħalma huma r-Roma u l-minoranzi nazzjonali, l-immigrazzjoni minn barra l-UE kellha rwol sinifikanti f'dawn l-aħħar snin fl-iffurmar tad-diversità etnika u kulturali tal-UE. Fl-istess ħin, il-moviment tal-popolazzjoni fi ħdan l-UE – bħala riflessjoni tat-tkabbir fl-2004 u fl-2007, u l-prinċipju tal-libertà ta' moviment taċ-ċittadini tal-UE – iżidu mar-realtà ta' popolazzjoni dinamika u dejjem aktar diversa f'bosta Stati Membri.

### L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) – L-attivitajiet fil-qosor

#### Riċerka, ġbir u analiżi ta' informazzjoni:

- Tiġbor, tanalizza u xxerred informazzjoni oġġettiva, affidabbli u komparabbli dwar l-iżvilupp tad-drittijiet fundamentali fl-UE;
- Tiżviluppa metodi u standards sabiex ittejjeb il-kwalità u l-komparabilità tal-informazzjoni fuq livell tal-UE;
- Twettaq u tinkoraġġixxi riċerka u stħarriġ xjentifiċi.

#### Parir lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri tal-UE:

- Tiffurmula u tippubblika konklużjonijiet u opinjonijiet għall-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE meta jimplimentaw il-liġi Komunitarja;
- Tippubblika rapport annwali dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE, u rapporti tematiċi bbażati fuq ir-riċerka u l-istħarriġ tagħha, filwaqt li turi eżempji ta' prattika tajba fir-rigward tad-drittijiet fundamentali.

#### Tqajjim ta' għarfien u kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili:

- Tqajjem għarfien pubbliku dwar id-drittijiet fundamentali;
- Tippromwovi d-djalogu mas-soċjetà ċivili;
- Tistabbilixxi u tikkoordina Pjattaforma dwar id-Drittijiet Fundamentali sabiex tiskambja informazzjoni u tiġbor l-għerf.

**EU-MIDIS ifittex li jipprovdi informazzjoni bbażata fuq l-evidenza li tista' tgħin lil dawk li jfasslu l-politika u lil partijiet interessati oħra sabiex jindirizzaw prattiċi diskriminatorji, razzisti u jtejbu l-istrutturi ta' appoġġ għall-vittmi ta' diskriminazzjoni u ta' kriminalità b'motivazzjoni razzjali.**

### EU-MIDIS fil-qosor

- **EU-MIDIS tfisser 'L-Istħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni'**
- **Dan huwa l-ewwel stħarriġ tax-xorta tiegħu li jintervista b'mod sistematiku minoranzi fl-Istati Membri kollha tal-UE** dwar l-esperjenzi tagħhom ta' trattament diskriminatorju, l-għarfien tagħhom tad-drittijiet u ta' fejn għandhom jilmentaw dwar id-diskriminazzjoni, l-esperjenzi tagħhom bħala vittma ta' reati b'motivazzjoni razzjali, u l-esperjenzi tal-infurzar tal-liġi u l-kontroll tal-fruntieri.
- **Billi juża l-istess kwestjonarju standardizzat fil-pajjiż kollha**, EU-MIDIS jippermetti tqabbil tar-riżultati bejn il-gruppi differenti mistħarrġa.
- **Matul l-2008 ġew intervistati wiċċ imb wiċċ 23,500 persuna immigranta u ta' minoranza etnika fis-27 Stat Membru kollha tal-UE.**
- **Ġew intervistati 5,000 persuna mill-popolazzjoni fil-maġġoranza li jgħixu fl-istess żoni tal-minoranzi** f'għaxar Stati Membri sabiex ikun jista' jsir tqabbil tar-riżultati dwar xi kwistjonijiet fundamentali.
- **Il-kwestjonarju kien jikkonsisti minn 150 mistoqsija u 300 varjabbli**, jekk wieħed jikkunsidra t-tweġibiet kollha possibbli li n-nies setgħu jagħtu għal kull mistoqsija. Barra minn hekk, ir-riżultati jistgħu jiġu analizzati fir-rigward ta' karatteristiċi ta' dawk li wieġbu, bħal pereżempju s-sess u l-età, li ngabru b'mod anonimu għal skopijiet ta' statistika.
- **Kull intervista damet bejn 20 minuta u siegħa**, skont il-livell ta' diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni mġarrba minn kull intervistat.

## Għaliex għandna bżonn ta' stħarriġ

Filwaqt li l-kompożizzjoni tal-popolazzjonijiet fl-Istati Membri qiegħda ssir dejjem iżjed imħallta, ir-rapporti tal-Aġenzija wrew b'mod konsistenti li hemm nuqqas kbir ta' informazzjoni dwar il-minoranzi f'bosta pajjiżi. Din l-informazzjoni hija meħtieġa sabiex tkejjel l-integrazzjoni tal-minoranzi fis-soċjetajiet Ewropej, kif ukoll il-livell ta' trattament diskriminatorju u vittimizzazzjoni kriminali, inklużi r-reati b'motivazzjoni razzjali, imġarrba mill-minoranzi. Din l-istampa tgħodd għall-minoranzi etniċi, l-immigranti, il-minoranzi nazzjonali u ċ-ċittadini tal-UE hekk kif dawn jidħlu fi u jiċċaqilqu madwar l-UE.

Qegħdin isiru sforzi f'xi Stati Membri u fil-livell tal-Komunità biex jiġi rimedjat dan in-nuqqas ta' informazzjoni solida dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni tal-minoranzi. Din l-informazzjoni tista' tintuża wkoll bħala indikatur tal-inklużjoni soċjali jew l-emarġinazzjoni. Madankollu, il-ġbir tal-informazzjoni fil-pajjiżi tal-UE għadu jiffoka fuq l-esperjenzi tal-popolazzjoni fil-maġġoranza, bl-approċċi eżistenti għat-teħid tal-kampjuni f'riċerka bbażata fuq stħarriġ – bħall-Eurobarometru u l-Istħarriġ Soċjali Ewropew – kapaċi biss jaqbdu numru żgħir ħafna ta' rispondenti minoritarji. Minħabba f'hekk, dawk li jfasslu l-politika għadhom mhumiex infurmati tajjeb biżżejjed dwar kif il-minoranzi infushom jesperjenzaw il-ħajja ta' kuljum fl-Istati Membri tal-Unjoni. Dan in-nuqqas kontinwu ta' informazzjoni, u, fuq kollox, ta' informazzjoni komparabbli, jagħmilha diffiċli għal min ifassal il-politika fil-livell nazzjonali u tal-UE sabiex jiżviluppa u jindirizza interventi biex jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni u l-vittimizzazzjoni kontra l-minoranzi.

Din is-sitwazzjoni wasslet lill-FRA, bl-appoġġ tal-partijiet interessati prinċipali tagħha, biex tniedi stħarriġ tal-UE kollha fis-27 Stat Membru dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni u ta' vittimizzazzjoni kriminali ta' gruppi magħżula ta' immigranti u minoranzi etniċi, fosthom l-esperjenzi tagħhom ta' reati b'motivazzjoni razzjali u infurzar tal-liġi diskriminatorju.

| Stat Membru | Kodiċi ta' Abbrevjazzjoni |
|---|---|
| Il-Belġju | BE |
| Il-Bulgarija | BG |
| Ir-Repubblika Ċeka | CZ |
| Id-Danimarka | DK |
| Il-Ġermanja | DE |
| L-Estonja | EE |
| L-Irlanda | IE |
| Il-Greċja | EL |
| Spanja | ES |
| Franza | FR |
| L-Italja | IT |
| Ċipru | CY |
| Il-Latvja | LV |
| Il-Litwanja | LT |
| Il-Lussemburgu | LU |
| L-Ungerija | HU |
| Malta | MT |
| L-Olanda | NL |
| L-Awstrija | AT |
| Il-Polonja | PL |
| Il-Portugall | PT |
| Ir-Rumanija | RO |
| Is-Slovenja | SI |
| Is-Slovakkja | SK |
| Il-Finlandja | FI |
| L-Iżvezja | SE |
| Ir-Renju Unit | UK |
| | |
| **L-Ewropa tal-Lvant u Ċentrali** | **CEE** |
| **L-Ex Jugoslavja** | **Ex-YU** |

## Xi Staqsa l-Isħarriġ?

Il-maġġoranza tal-mistoqsijiet tal-istħarriġ fl-EU-MIDIS kienu jittrattaw it-temi segwenti:

- Mistoqsijiet dwar perċezzjonijiet ta' tipi differenti ta' diskriminazzjoni fil-pajjiż fejn jgħixu, kif ukoll mistoqsijiet dwar l-għarfien tad-drittijiet tagħhom u ta' fejn għandhom jilmentaw dwar trattament diskriminatorju;
- Mistoqsijiet dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni tar-rispondenti minħabba l-isfond minoritarju tagħhom f'disa' oqsma differenti tal-ħajja ta' kuljum, u jekk irrappurtawx id-diskriminazzjoni;
- Mistoqsijiet dwar l-esperjenzi tar-rispondenti bħala vittmi ta' reati f'ħames oqsma, fosthom jekk kinux iħossu li l-vittimizzazzjoni tagħhom ġrat parzjalment jew għal kollox minħabba l-isfond minoritarju tagħhom, u jekk irrappurtawx il-vittimizzazzjoni lill-pulizija;
- Mistoqsijiet dwar il-kuntatti tagħhom mal-infurzar tal-liġi, id-dwana u l-kontroll tal-fruntiera, u jekk ir-rispondenti jħossux li kienu vittmi ta' prattiċi diskriminatorji ta' profilar etniku.

Ir-rispondenti ġew mistoqsija dwar l-esperjenzi tagħhom ta' diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni fl-aħħar ħames snin u fit-tnax-il xahar ta' qabel.

# X'Se Juri l-EU-MIDIS? Xi eżempji mill-istħarriġ

- Is-sett ta' dejta sħiħ mill-istħarriġ se joffri sors ta' informazzjoni komprensiv u wiesa' dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni u ta' vittimizzazzjoni ta' gruppi minoritarji differenti f'kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE.
- Li ġej huwa sempliċement 'assaġġ' ta' dak li se juri s-sett komplet ta' dejta u kif is-sejbiet jistgħu jiġu kkunsidrati f'varjetà ta' modi.

## Perċezzjonijiet ta' diskriminazzjoni

Ir-rispondenti ntalbu jindikaw jekk kinux iħossu li d-diskriminazzjoni kinitx mifruxa ħafna, pjuttost mifruxa, pjuttost rari, rari ħafna jew non-eżistenti.

**Qabel ma sarulhom mistoqsijiet dwar id-'diskriminazzjoni', ir-rispondenti ġew introdotti għall-idea tad-diskriminazzjoni mill-intervistaturi bl-eżempju ta' xi ħadd li jiġi ttrattat b'mod inqas favorevoli minn ħaddieħor minħabba karatteristika personali bħal pereżempju l-isfond etniku jew l-isfond minoritarju tiegħu.**

Figura 1 turi l-perċentwal ta' rispondenti f'kull grupp mistħarreġ li jqisu li d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-'oriġini etnika jew immigranta' kienet mifruxa ħafna jew pjuttost mifruxa fil-pajjiż tagħhom.

Dawn ir-riżultati jridu jiġu interpretati b'kawtela għax juru sejbiet għal gruppi differenti ħafna. B'dan f'moħħna – huma juru li l-maġġoranza tal-gruppi minoritarji mistħarrġa fl-UE-MIDIS iħossu li d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-oriġini etnika jew immigranta hija mifruxa fl-Istat Membru fejn ġew intervistati.

Din is-sejba tippreżenta stampa ta' kemm il-minoranzi fl-UE jħossuhom jew vulnerabbli huma nfushom għad-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-isfond etniku jew immigrant tagħhom, jew inkella jaraw din it-tip ta' diskriminazzjoni bħala mifruxa fir-rigward ta' ħaddieħor.

Ħarsa lejn ir-riżultati turi li hemm differenzi notevoli fit-tweġibiet bejn gruppi li għandhom l-istess sfond. Pereżempju, fil-każ tar-Roma, minoranza biss tar-rispondenti fir-Rumanija u l-Bulgarija (41% u 36%

Tabella 1
**Perċentwal ta' persuni li wieġbu li jaħsbu li d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika jew minħabba li huma immigranti hija mifruxa sew fil-pajjiż**




EU-MIDIS, domanda A1A

rispettivament) kienu jqisu li d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-oriġini etnika jew immigranta hija mifruxa; mill-banda l-oħra, rispondenti Roma fil-ħames Stati Membri l-oħra fejn ġew mistħarrġa r-Roma taw rispons li jvarja minn 76% fil-Polonja għal 90% fl-Ungerija.

L-ewwel rapport tal-istħarriġ 'Data in Focus' dwar ir-Roma (ippubblikat f'April 2009) juri li *l-esperjenzi* ta' diskriminazzjoni f'oqsma differenti, matul it-tnax-il xahar preċedenti, baqgħu konsistentement aktar baxxi għar-Roma fil-Bulgarija u r-Rumanija meta mqabbla ma' Roma fi Stati Membri oħra. F'dan ir-rigward, jidher li *l-perċezzjonijiet* ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-oriġini etnika jew immigranta, kif irrappurtati hawnhekk, huma riflessi fl-*esperjenzi* ta' diskriminazzjoni minn rispondenti Roma; b'mudell konsistenti bejn il-perċezzjonijiet u l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni.

Ipparagunat ma' dan, 59% tar-Russi fl-Estonja kienu jaħsbu li d-diskriminazzjoni fuq bażi etnika jew immigranta kienet pjuttost mifruxa jew mifruxa ħafna, iżda meta sarulhom mistoqsijiet speċifiċi dwar l-esperjenzi tagħhom stess ta' diskriminazzjoni matul it-tnax-il xahar ta' qabel, 17% biss setgħu jiftakru inċident. F'dan il-każ, jidher li hemm diskrepanza bejn il-perċezzjonijiet u l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni, iżda spjegazzjonijiet għal din id-diskrepanza apparenti jistgħu jitfittxew ukoll fl-istorja u l-kuntest tar-Russi fl-Estonja.

## Għarfien bl-organizzazzjonijiet li joffru appoġġ u parir

Ir-rispondenti ġew mistoqsija jekk kinux jafu b'xi organizzazzjoni fl-Istat Membru tagħhom li setgħet toffri appoġġ jew parir lil persuni li jkunu sofrew diskriminazzjoni – għal kwalunkwe raġuni.

Ir-riżultati fil-figura 2 jindikaw li l-maġġoranza tar-rispondenti fil-gruppi kollha – li jvarjaw mir-Roma fil-Greċja u l-Afrikani f'Malta, għas-Somali fl-Iżvezja u r-Russi fil-Finlandja – ma kienu jafu b'ebda organizzazzjoni li setgħet toffri appoġġ u parir lil persuni li jkunu sofrew diskriminazzjoni kontrihom.

Din is-sejba tippreżenta evidenza inkwetanti ta' kemm il-gruppi li huma l-aktar vulnerabbli għad-diskriminazzjoni fl-UE mhumiex infurmati dwar fejn għandhom imorru għall-assistenza jekk ikunu sofrew diskriminazzjoni kontrihom. Fl-istess ħin, dan

Tabella 2
**Perċentwal ta' persuni li wieġbu li ma jafu b'ebda organizzazzjoni li toffri appoġġ u pariri lill-persuni li sfaw vittmi ta' diskriminazzjoni**




EU-MIDIS, domanda A3

ir-riżultat jista' jirrifletti nuqqas proprju ta' servizzi ta' appoġġ f'bosta Stati Membri.

Riżultati preliminari mill-EU-MIDIS dwar l-għarfien tar-rispondenti b'organizzazzjonijiet li jistgħu joffru appoġġ u parir lil persuni li tkun saret diskriminazzjoni kontrihom jissuġġerixxu dan li ġej:

**EU-MIDIS jindika nuqqas ta' għarfien u użu tas-servizzi li jipprovdu appoġġ u parir – 'aċċess għall-ġustizzja' – għall-minoranzi li huma vulnerabbli għad-diskriminazzjoni.**

**L-ewwel** - jeħtieġ li jiġu investiti riżorsi sabiex dawk li huma vulnerabbli għad-diskriminazzjoni jsiru jafu fejn jistgħu jmorru għal appoġġ u parir.

**It-tieni** - jeħtieġ li jiġu allokati riżorsi għall-ħolqien u/jew iż-żamma ta' organizzazzjonijiet inkarigati li joffru assistenza lil persuni li jkunu sofrew diskriminazzjoni kontrihom.

**It-tielet** - dawk li jsofru diskriminazzjoni kontrihom jeħtieġ li jiġu mħeġġa u jħossuhom kapaċi li jirrappurtaw l-esperjenzi tagħhom lil organizzazzjoni kompetenti jew fil-post fejn isseħħ id-diskriminazzjoni għax jafu li l-ilmenti tagħhom se jittieħdu serjament.

## Esperjenzi ta' Diskriminazzjoni

**Ir-riżultati rrappurtati hawnhekk jiffukaw fuq l-esperjenzi tal-persuni matul it-tnax-il xahar preċedenti.**

Ir-rispondenti tal-istħarriġ kienu mistoqsija dwar l-esperjenzi tagħhom ta' trattament diskriminatorju, fuq il-bażi tal-isfond immigrant jew ta' minoranza etnika, f'disa' oqsma tal-ħajja ta' kuljum (ara kaxxa 1).

Kieku indikaw li saret diskriminazzjoni kontrihom fl-aħħar 12-il xahar, kienu jsirulhom mistoqsijiet ta' segwitu għal kull qasam ta' diskriminazzjoni:

- Kemm-il darba seħħet kull tip ta' diskriminazzjoni fl-aħħar 12-il xahar?
- Jekk huma jew xi ħadd ieħor irrappurtax l-aħħar inċident, ta' kull tip ta' diskriminazzjoni, f'uffiċċju fejn jistgħu jsiru l-ilmenti, jew fil-post fejn seħħet id-diskriminazzjoni?
- Jekk id-diskriminazzjoni ma ġietx irrappurtata lil organizzazzjoni jew fil-post fejn seħħet, l-intervistati kienu mitluba jispjegaw għaliex, bl-intervistaturi jikkodifikaw sa għaxar raġunijiet possibbli fuq il-bażi ta' dak li jkunu qalu r-rispondenti: dan kien ivarja minn 'biża' ta' intimidazzjoni minn min wettaq l-għemil jekk huma jirrappurtaw id-diskriminazzjoni' għal 'ma jsir/jitbiddel xejn jekk huma jirrappurtaw id-diskriminazzjoni'.

**L-akbar diskriminazzjoni ġiet irrappurtata mir-rispondenti Roma – wieħed minn kull żewġ Roma qalu li ġew diskriminati fl-aħħar 12-il xahar.**

**Figura 3 turi r-rata medja ta' diskriminazzjoni għas-seba' gruppi totali mistħarrġa – jiġifieri, għal dawk ir-rispondenti li indikaw li kienet saret diskriminazzjoni kontrihom mill-anqas darba fl-aħħar 12-il xahar f'xi wieħed mill-oqsma ta' diskriminazzjoni li kienu mistoqsija dwarhom.**

Livelli għoljin ta' diskriminazzjoni ssemmew ukoll minn rispondenti li kienu ġejjin mill-Afrika tas-Sub-Saħara (41%) u mill-Afrika ta' Fuq (36%).

KAXXA 1

### Oqsma ta' diskriminazzjoni

EU-MIDIS staqsa lir-rispondenti dwar id-diskriminazzjoni li kienu esperjenzaw, fl-aħħar 12-il xahar jew fl-aħħar 5 snin, minħabba l-isfond immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom, f'disa' oqsma:

1) meta jfittxu x-xogħol
2) fuq il-post tax-xogħol
3) meta jippruvaw jikru jew jixtru dar jew appartament
4) mill-persunal fil-kura tas-saħħa
5) mill-persunal fis-servizzi soċjali
6) mill-persunal fl-iskejjel
7) f'kafeterija, ristorant jew bar
8) meta jidħlu jew waqt li jkunu ġewwa ħanut
9) meta jippruvaw jiftħu kont bankarju jew jiksbu self

Minn dawk li qalu li kienet saret diskriminazzjoni kontrihom, **l-istħarriġ wera li l-maġġoranza kbira ma rrappurtawx l-esperjenzi tagħhom ta' diskriminazzjoni lil organizzazzjoni jew fil-post fejn seħħet.** Ngħidu aħna, 20% biss tal-intervistati li kienu ġejjin mill-Afrika tas-Sub-Saħara rrappurtaw l-aħħar esperjenza tagħhom ta' diskriminazzjoni. Fil-każ ta' gruppi oħrajn miġburin flimkien, ir-rappurtar lil organizzazzjoni jew fil-post fejn seħħet id-diskriminazzjoni varja minn 21% fost ir-Roma għal 12% tar-rispondenti mill-Ewropa tal-Lvant u Ċentrali.

Tabella 3

**Perċentwal li sfaw vittmi ta' diskriminazzjoni f'ta' mill-inqas wieħed mid-disa' oqsma**

F'dawn l-aħħar 12-il xahar




**Għaxar gruppi bl-ogħla rati ta' diskriminazzjoni, disa' oqsma (%)**

F'dawn l-aħħar 12-il xahar




EU-MIDIS, domandi CA2-CI2

Tabella 4

**Raġunijiet għalfejn ma ġiex irrapportat l-aktar każ reċenti ta' diskriminazzjoni**

F'dawn l-aħħar 12-il xahar, kull min wieġeb




EU-MIDIS, domandi CA5-CI5

**Kif tindika Figura 4, ir-raġuni ewlenija tar-rispondenti għaliex ma rrappurtawx l-aħħar esperjenza tagħhom ta' diskriminazzjoni hija li ma kien se jseħħ jew jitbiddel xejn billi jirrappurtaw l-inċident.**

**Fl-istess ħin, 36% ma kinux jafu kif għandhom jirrappurtaw jew fejn għandhom jirrappurtaw id-diskriminazzjoni.**

In-natura ta' kuljum tad-diskriminazzjoni hija sottolinjata mill-fatt li 40% iqisu l-aħħar esperjenza tagħhom bħala trivjali u mhux vallapena li jirrappurtawha għax 'hija normali, tiġri l-ħin kollu'.

Jekk wieħed jieħu żewġ tweġibiet flimkien għan-nuqqas ta' rappurtar – 'imħasseb dwar il-konsegwenzi negattivi' u 'biża' ta' intimidazzjoni minn min wettaq l-għemil' – 40% taw dawn bħala raġunijiet għan-nuqqas ta' rappurtar, li juri li d-diskriminazzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala avveniment minuri għar-rispondenti kollha.

## EŻEMPJU: DISKRIMINAZZJONI MIS-SERVIZZI PRIVATI

### *Livell ta' diskriminazzjoni mis-servizzi privati*

Billi tieħu qasam wieħed ta' diskriminazzjoni – is-servizzi privati (li jinkorpora r-riżultati għad-diskriminazzjoni f'kafè, ristorant jew bar, meta tidħol jew waqt li tkun ġewwa ħanut, u meta tipprova tiftaħ kont bankarju jew tieħu self) – figura 5 turi li l-mudelli ta' diskriminazzjoni ġenerali skont gruppi miġburin flimkien issibhom ukoll fil-qasam tas-servizzi privati. Għal darba oħra, ir-Roma jindikaw li l-akbar diskriminazzjoni ssir kontrihom, segwiti minn persuni li ġejjin mill-Afrika tas-Sub-Saħara u mill-Afrika ta' Fuq.

Tabella 5

**Perċentwal li saret diskriminazzjoni kontrihom minn servizzi privati**

F'dawn l-aħħar 12-il xahar




**L-għaxar gruppi bl-ogħla rati ta' diskriminazzjoni, servizzi privati (%)**

F'dawn l-aħħar 12-il xahar




EU-MIDIS, domandi CG2-CI2

Tabella 6

**Perċentwal ta' persuni li wieġbu li rrapportaw diskriminazzjoni minn servizzi privati**

L-aktar każ reċenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar, minn dawk kollha li esperjenzaw diskriminazzjoni minn servizzi privati




EU-MIDIS, domandi CG4-CI4

Jekk wieħed iħares lejn l-għaxar gruppi individwali bl-ogħla rati rrappurtati ta' diskriminazzjoni mis-servizzi privati, mill-gruppi kollha mistħarrġa fl-EU-MIDIS, ir-Roma jokkupaw l-ogħla tlieta. B'mod ġenerali, huma r-rispondenti li ġejjin jew mill-kontinent Afrikan jew ir-Roma li jindikaw l-ogħla livelli ta' diskriminazzjoni.

### *Rappurtar tad-diskriminazzjoni fis-servizzi privati*

Jekk inħarsu lejn in-numru ta' dawk li ġew diskriminati mis-servizzi privati u pproċedew biex jirrappurtaw id-diskriminazzjoni tagħhom lil organizzazzjoni kompetenti jew fil-post fejn seħħet, figura 6 turi li l-maġġoranza tar-rispondenti kollha fil-gruppi kollha ma rrappurtawx id-diskriminazzjoni. L-aktar li rrappurtaw kienu persuni mill-eks Jugożlavja, bi 13% jirrappurtaw. Persuni mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant kienu l-inqas probabbli li jirrappurtaw, b'5% biss jagħmlu dan.

## Reati Razzisti

EU-MIDIS staqsa lir-rispondenti sensiela ta' mistoqsijiet dwar l-esperjenzi tagħhom ta' ħames tipi ta' reati fl-aħħar 12-il xahar (ara kaxxa 2). Kieku r-rispondenti qalu li kienu l-vittma ta' reat partikolari fl-aħħar 12-il xahar, f'dak il-każ kienu jsirulhom mistoqsijiet ta' segwitu dwar in-natura tar-reat, u, b'mod partikolari, jekk qisuhx li kellu motivazzjoni razzjali.

Għal dawk ir-rispondenti li indikaw li kienu l-vittma ta' assalt u theddida, jew fastidju ta' natura serja, fl-aħħar 12-il xahar – dak li fl-EU-MIDIS huwa riferut bħala reat 'fil-persuna' – l-intervistatur staqsa mistoqsijiet dettaljati dwar in-natura tal-aħħar inċident. Dawn il-mistoqsijiet kienu jinkludu dawn li ġejjin:

- Kemm-il darba seħħ fl-aħħar 12-il xahar;
- Jekk l-inċident kienx maħsub li kellu motivazzjoni razzjali, u, fil-każ tan-nisa, jekk kinux jaħsbu li seħħ għaliex kienu nisa;
- Jekk kienx hemm persuna waħda jew aktar li wettqu r-reat;
- Min kienu l-persuni li wettqu r-reat – pereżempju, xi ħadd li l-vittma kien jafu jew ma jafux, membru ta' grupp razzista, eċċ.
- Jekk dawk li wettqu r-reat kinux mill-istess sfond minoritarju, sfond minoritarju differenti jew il-popolazzjoni fil-maġġoranza;
- Jekk dawk li wettqu r-reat użawx lingwaġġ razzist jew li joffendi r-reliġjon;

Tabella 7

**Rata ta' vittimizzazzjoni ta' reat razzista, ħames reati (%)**

F'dawn l-aħħar 12-il xahar




**L-għaxar gruppi bl-ogħla rati ta' vittimizzazzjoni minħabba reati razzjali, ħames reati (%)**

F'dawn l-aħħar 12-il xahar




EU-MIDIS, domandi DA3-DC3, DD4, DE5

Tabella 8

**Perċentwal ta' reati razzjali mhux rapportati skont it-tip (attakk u theddid, jew fastidju serju)**

F'dawn l-aħħar 12-il xahar, mill-vittmi kollha ta' reati razzjali fuq il-persuna




EU-MIDIS, domandi DD4 & DD11 u DE5 & DE10

**1 minn kull 2 rispondenti li kienu vittmi ta' assalt u theddid razzista, u abbuż serju, qalu li ma kinux irrappurtaw l-aħħar inċident tagħhom għax ma kinux fiduċjużi li l-pulizija setgħet tagħmel xi ħaġa.**

KAXXA 2

## Oqsma ta' vittimizzazzjoni

**EU-MIDIS staqsa lir-rispondenti dwar vittimizzazzjoni li kienu esperjenzaw, fl-aħħar 12-il xahar jew fl-aħħar 5 snin, f'ħames oqsma:**

1) **serq ta' jew minn vettura**
2) **serq bi żgass jew attentat ta' serq bi żgass**
3) **serq ta' proprjetà personali li ma jinvolvix forza jew theddid**
4) **assalt u theddida**
5) **fastidju ta' natura serja**

Kieku r-rispondenti indikaw li kienu vittma ta' reat, f'dak il-każ kienu jsirulhom sensiela ta' mistoqsijiet dettaljati, fosthom jekk kinux jaħsbu li l-vittimizzazzjoni tagħhom kinitx motivata b'mod razzjali.

- Jekk l-inċident ġiex irrappurtat lill-pulizija; jekk le, l-intervistati kienu mitluba jispjegaw għaliex, bl-intervistaturi jikkodifikaw sa ħdax-il raġuni fuq il-bażi ta' dak li jkunu qalu r-rispondenti: dan varja minn 'biża' ta' intimidazzjoni minn dawk li wettqu r-reat jekk jirrappurtaw l-inċident' għal 'mhux fiduċjużi li l-pulizija se tkun kapaċi tagħmel xi ħaġa'.

- Kemm kien serju l-inċident għall-intervistat.

Dan il-livell ta' informazzjoni dettaljata se jiġi ppreżentat f'rapport futur tal-UE-MIDS 'Data in Focus' dwar il-vittimizzazzjoni kriminali. Dan se jipprovdi informazzjoni dwar in-natura tal-inċidenti, u b'mod partikolari r-reati razzisti mhux irrappurtati, li tista' tgħin bil-bosta lil inizjattivi ta' infurzar tal-liġi u prevenzjoni tar-reati li jfittxu li jifhmu aktar dwar din it-tip ta' kriminalità. Dawn is-sejbiet għandhom ikunu utli wkoll għall-organizzazzjonijiet li joffru appoġġ lill-vittmi u NGOs li jaħdmu ma' minoranzi li huma vulnerabbli għall-vittimizzazzjoni.

**Figura 7 turi r-rata ta' vittimizzazzjoni għal reati razzisti għas-seba' gruppi kollha mistħarrġa – jiġifieri, dawk ir-rispondenti li qalu li kienu vittma ta' reat razzista tal-anqas darba fl-aħħar 12-il xahar f'xi wieħed mill-ħames oqsma ta' kriminalità li ġew mistoqsija dwarhom.**

L-istess bħal fil-każ tad-diskriminazzjoni, l-istampa li toħroġ mill-EU-MIDIS fir-rigward tal-vulnerabbilità għall-vittimizzazzjoni razzista hija waħda fejn ir-Roma u dawk li ġejjin mill-Afrika tas-Sub-Saħara jirrappurtaw iżjed esperjenzi negattivi fl-istħarriġ.

**L-akbar vittimizzazzjoni ġiet irrappurtata minn rispondenti Roma u mill-Afrika tas-Sub-Saħara - 1 minn kull 5 indikaw li kienu l-vittma ta' reat 'b'motivazzjoni razzjali' fl-aħħar 12-il xahar.**

### *Rappurtar tal-vittimizzazzjoni razzista*

Figura 8 turi l-perċentwal ta' rispondenti li indikaw li kienu vittmi ta' reati b'motivazzjoni razzjali u ma rrappurtawx il-vittimizzazzjoni tagħhom lill-pulizija.

Għal kull grupp komplessiv mistħarreġ – fir-rigward tal-assalti u t-theddid, u l-abbuż serju – il-maġġoranza tar-rispondenti ma rrappurtawx l-esperjenza tagħhom ta' vittimizzazzjoni lill-pulizija.

L-evidenza ppreżentata fir-Rapport Annwali tal-Aġenzija dwar is-sitwazzjoni tar-razziżmu u l-ksenofobija fl-Istati Membri ħafna drabi tindika livelli baxxi ħafna ta' reati razzisti rrekordjati b'mod uffiċjali jew l-ebda reat razzist irrekordjat b'mod uffiċjali f'għadd ta' Stati Membri. Jekk nieħdu l-ammonti ta' inċidenti razzisti rrekordjati fl-EU-MIDIS u nestrapolawhom għall-popolazzjoni jew il-popolazzjonijiet minoritarji mistħarrġa f'kull Stat Membru, ir-riżultati kieku jindikaw eluf ta' każijiet ta' vittimizzazzjoni razzjali li mhux qed jiġu rrappurtati lill-pulizija u, għaldaqstant, mhumiex qed jiġu maqbuda mill-mekkaniżmi uffiċjali għall-ġbir ta' informazzjoni dwar il-ġustizzja kriminali.

Tabella 9

**Perċentwal ta' persuni li wieġbu li jevitaw ċerti postijiet minħabba biża' li jisfaw vittmi ta' attakki, theddid jew fastidju serju minħabba li huma immigranti jew minħabba li jiġu minn minoranza etnika**

F'dawn l-aħħar 12-il xahar




**L-għaxar gruppi bl-ogħla perċentwal ta' persuni li wieġbu li jevitaw ċerti postijiet minħabba biża' li jisfaw vittmi ta' attakki, theddid jew fastidju serju minħabba li huma immigranti jew minħabba li jiġu minn minoranza etnika**




EU-MIDIS, domanda DF1

### *Evitar ta' Ċerti Postijiet minħabba l-Biża' li Wieħed Ikun Vittma ta' Reati ta' Mibegħda*

Minbarra mistoqsijiet dwar l-esperjenzi tar-rispondenti bħala vittmi ta' reati, u jekk kinux jaħsbu li dawn l-esperjenzi kellhom motivazzjoni razzjali, l-istħarriġ staqsa lin-nies jekk kinux jevitaw ċerti postijiet minħabba l-biża' li jiġu attakkati, mhedda jew mogħtija fastidju minħabba l-isfond immigrant jew minoritarju tagħhom.

**Bħal fil-każ tad-diskriminazzjoni, is-sejbiet tal-istħarriġ dwar ir-reati razzisti jindikaw għadd imnaqqas serjament fl-istatistika uffiċjali fir-rigward tal-firxa reali tal-problema.**

Ir-riżultati ta' Figura 9 juru li bħala medja, 31% tar-Roma u 1 minn kull 4 ta' dawk li ġejjin mill-Afrika tas-Sub-Saħara jadottaw imġiba ta' evitar minħabba l-biża' li jkunu vittma ta' reat 'razzista'. Min-naħa tagħhom, 1 minn kull 5 ta' dawk li ġejjin mill-Afrika ta' Fuq jużaw ukoll l-istess imġiba, kif jagħmlu numru simili ta' rispondenti minn pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant – li tindika li l-biża' ta' vittimizzazzjoni fuq il-bażi tal-isfond immigrant jew ta' minoranza etnika mhuwiex xi ħaġa li hija limitata għall-kulur tal-ġilda, iżda huwa xi ħaġa li tista' taffettwa wkoll gruppi li mid-dehra 'jidhru l-istess' bħall-popolazzjoni fil-maġġoranza f'bosta Stati Membri tal-UE.

Jekk inħarsu lejn l-għaxar gruppi bl-ogħla atteġġjamenti ta' evitar, figura 9 turi li r-Roma jiddominaw – b'wieħed minn kull żewġ rispondenti Roma juża dan l-atteġġjament biex jevita milli jsir vittma ta' reati ta' mibegħda. Gruppi mill-kontinent Afrikan u, b'mod partikolari, l-Iraqini fl-Iżvezja wkoll jindikaw li jużaw atteġġjament simili ta' evitar.

Dan l-atteġġjament ta' evitar probabbilment iservi biex inaqqas in-numru ta' reati ta' mibegħda esperjenzati mill-minoranzi vulnerabbli. Fl-istess ħin, dawn ir-riżultati jindikaw ukoll livell ta' emarġinazzjoni soċjali li qegħdin jesperjenzaw diversi gruppi minoritarji fl-UE, li qiegħed jiġi aggravat bl-atteġġjament li huma jħossu li jkollhom jużaw biex jevitaw li jsiru vittma ta' reati ta' mibegħda.

Tabella 10

**Perċentwal ta' persuni li wieġbu li jikkunsidraw li l-pulizija waqqfithom minħabba li huma immigranti jew ġejjin minn minoranza etnika**

Minn dawk kollha li ġew imwaqqfa f'dawn l-aħħar 12-il xahar




**L-għaxar gruppi bl-ogħla perċezzjoni li l-pulizija waqqfithom minħabba li huma immigranti jew ġejjin minn minoranza etnika**

Minn dawk kollha li ġew imwaqqfa f'dawn l-aħħar 12-il xahar




EU-MIDIS, domanda F5

## Infurzar tal-Liġi u Twaqqif mill-Pulizija Mhux B'Għan Diskriminatorju

Bl-iskop li jħares lejn il-viġilanza tal-komunitajiet minoritarji fil-qafas tal-integrazzjoni u t-trattament ugwali fil-komunità, EU-MIDIS staqsa lir-rispondenti firxa ta' mistoqsijiet dwar il-kuntatti tagħhom mal-infurzar tal-liġi.

**Ir-rispondenti kienu mistoqsija dan li ġej:**

- Meta rrappurtaw l-esperjenzi tagħhom ta' vittimizzazzjoni lill-pulizija – kif ġew ittrattati mill-pulizija?
- X'kienu r-raġunijiet għaliex ma rrappurtawx il-vittimizzazzjoni tagħhom lill-pulizija?
- Kemm-il darba ġew imwaqqfa mill-pulizija fl-aħħar 12-il xahar, u jekk iħossux li ġew imwaqqfa speċifikament minħabba l-isfond etniku jew immigrant tagħhom?
- Kif ġew ittrattati fil-kuntatti l-oħrajn tagħhom mal-pulizija?

Figura 10 turi r-riżultati għal dawk ir-rispondenti li twaqqfu mill-pulizija u ħassew li twaqqfu *speċifikament* minħabba l-isfond etniku jew immigrant tagħhom.

Meta titqies il-medja tat-tweġibiet għall-gruppi kollha f'daqqa:

- 6 minn kull 10 jew 58% tar-rispondenti mill-Afrika ta' Fuq li twaqqfu mill-pulizija jħossu li twaqqfu minħabba l-isfond etniku jew immigrant tagħhom.
- Wieħed minn kull żewġ Roma, u 4 minn kull 10 rispondenti mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant iħossu li twaqqfu mill-pulizija minħabba l-isfond etniku jew immigrant tagħhom.
- Meta wieħed iħares lejn il-figuri għal gruppi individwali, huwa evidenti li l-figura għolja għat-twaqqif diskriminatorju mill-pulizija għall-grupp komplessiv ta' dawk li ġejjin mill-'Ewropa Ċentrali u tal-Lvant' hija r-riżultat tan-numru kbir ta' twaqqifiet ta' Albaniżi fl-Italja u fil-Greċja, u ta' Rumeni fl-Italja.

Dawn ir-riżultati juru li xi gruppi ta' minoranza etnika u immigranti jesperjenzaw livelli għoljin ta' dak li huma jaraw bħala trattament diskriminatorju mill-pulizija, u li xi Stati Membri jivviġilaw b'mod qawwi l-komunitajiet minoritarji. Is-sett ta' dejta komplet se jippermetti analiżi tan-numru ta' twaqqifiet, u b'mod speċifiku twaqqifiet li kienu meqjusa bħala diskriminatorji, skont gruppi kollettivi u individwali ta' rispondenti fl-Istati Membri kollha fuq perjodu ta' 12-il xahar. F'dan ir-rigward ir-riżultati se jiżvelaw ħafna dwar min huwa viġilat l-aktar, u jistgħu jesploraw aktar ir-riżultati skont karatteristiċi bħalma huma s-sess, l-età u r-reliġjon tar-rispondenti. Barra minn hekk, is-sett ta' dejta komplet se jkun jista' jippreżenta informazzjoni dwar jekk ir-rispondenti kinux mexjin jew ġewwa vettura fil-mument meta twaqqfu, u x'ġara waqt it-twaqqifa, pereżempju, jekk intalbux jipprovdu d-dokumenti tal-identità, ingħatawx twissija jew multa, jew ġewx arrestati.

EU-MIDIS ġabar informazzjoni minn għaxar Stati Membri dwar il-volum u l-frekwenza tat-twaqqif mill-pulizija għal 500 rispondent magħżul b'mod każwali mill-popolazzjoni fil-maġġoranza li jgħixu fl-istess żoni tal-minoranzi. B'kollox, ġew iġġenerati 5,000 intervista mal-popolazzjoni fil-maġġoranza. Dawn is-sejbiet se jiġu analizzati f'rapport futur tal-EU-MIDIS 'Data in Focus' li jesplora fid-dettall ir-riżultati tal-istħarriġ b'rabta mal-infurzar tal-liġi u, barra minn hekk, il-kuntatti fil-kontroll tal-fruntieri.

## KIF JISTGĦU JKUNU UTLI R-RIŻULTATI TAL-ISTĦARRIĠ GĦAL DAWK LI JFASSLU L-POLITIKA?

Ir-riżultati jindikaw numru ta' kwistjonijiet għal min ifassal il-politika u għall-professjonisti li jeħtieġ li jiġu indirizzati fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' minoranzi differenti f'livell nazzjonali u f'livell Komunitarju, u li se jiġu esplorati aktar f'rapporti futuri mill-EU-MIDIS wara analiżi sħiħa tas-sett ta' dejta.

- X'linji politiċi u pjanijiet ta' azzjoni jeżistu fil-livell tal-Istati Membri u Komunitarju sabiex jitkabbar l-għarfien fost il-minoranzi vulnerabbli dwar id-drittijiet tagħhom fi-kuntest tal-liġijiet nazzjonali u tal-KE? Kif jistgħu dawn jiġu mmirati b'suċċess biex jilħqu gruppi differenti?
- Kif tista' tiġi żviluppata kultura bbażata fuq id-drittijiet u ċċentrata fuq is-servizzi li tinkoraġġixi u tagħmilha iżjed faċli għall-minoranzi vulnerabbli li jirrappurtaw l-esperjenzi tagħhom ta' diskriminazzjoni?
- Kif jistgħu l-minoranzi jiġu assigurati li l-ilmenti tagħhom se jittieħdu bis-serjetà u jiġu segwiti mill-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli?
- X'inhu l-impatt tal-linji politiċi u l-pjanijiet ta' azzjoni li hemm fis-seħħ bħalissa fil-livell Komunitarju u tal-Istati Membri sabiex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni kontra l-minoranzi? Hemm eżempji ta' prattiċi tajba fis-seħħ, li kemm fuq perjodu qasir kif ukoll fit-tul urew li jtejbu s-sitwazzjoni ta' gruppi minoritarji differenti?
- Liema linji politiċi soċjali (xogħol, akkomodazzjoni, kura tas-saħħa, servizzi soċjali, edukazzjoni) huma mmirati l-aktar b'finanzjament biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni kontra l-minoranzi? Il-linji politiċi soċjali qegħdin jiġu ffinanzjati fejn l-aktar li hemm bżonn, u qegħdin jiġu mmirati lejn il-gruppi minoritarji t-tajba u/jew il-gruppi fi ħdan il-komunitajiet minoritarji – bħal pereżempju n-nisa jew l-anzjani?
- X'jista' jsir biex jiġu indirizzati l-esperjenzi tal-minoranzi bħala vittmi ta' reati b'motivazzjoni razzjali? X'jista' jsir biex jiġi assigurat li l-vittimizzazzjoni razzjali tingħata prijorità bħala qasam għal intervent tal-infurzar tal-liġi?
- X'hemm bżonn li jsir b'mod speċifiku biex il-vittmi jiġu inkoraġġiti jirrappurtaw l-esperjenzi tagħhom ta' vittimizzazzjoni razzista lill-pulizija? Kif jistgħu l-gruppi differenti jiġu inkoraġġiti sabiex jirrappurtaw?
- X'impatt għandu l-profilar etniku mill-infurzar tal-liġi fuq minoranzi differenti u persuni differenti fi ħdan gruppi minoritarji – pereżempju rġiel żgħażagħ? X'jista' jkun l-impatt ta' prattiċi ta' profilar li l-minoranzi jarawhom bħala diskriminatorji?

**Xi eżempji ta' sejbiet speċifiċi mill-EU-MIDIS li jistgħu jwasslu għal mistoqsijiet ta' politika u azzjonijiet konkreti:**

### Eżempju 1:

*In-numru ta' inċidenti ta' diskriminazzjoni u ta' vittimizzazzjoni kriminali rrappurtati fl-istħarriġ:*

- EU-MIDIS se jiżvela l-livell ta' diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni razzista esperjenzata fost dawk intervistati fuq perjodu ta' 12-il xahar.
- Dawn ir-riżultati jistgħu jitqabblu f'kull Stat Membru mal-informazzjoni uffiċjali tal-gvern dwar id-diskriminazzjoni u l-vittimizzazzjoni (fil-forma ta' inċidenti rrappurtati, reati rrekordjati, u każijiet fil-qorti), u ma' figuri minn sorsi mhux uffiċjali bħall-NGOs.
- L-iskala tad-diskriminazzjoni u tal-vittimizzazzjoni razzista li jista' jkun li ma ġietx irrappurtata tista' titkejjel f'kull Stat Membru fir-rigward tal-grupp jew il-gruppi minoritarji mistħarrġa, u s-sejbiet jistgħu jwasslu għal valutazzjoni tal-linji politiċi eżistenti jew in-nuqqas ta' linji politiċi b'rikonoxximent ta' u bi tweġiba għad-diskriminazzjoni u l-vittimizzazzjoni razzista.

### Eżempju 2:

*Raġunijiet għaliex id-diskriminazzjoni u l-vittimizzazzjoni ma ġewx irrappurtati:*

- Ir-rispondenti kollha li qalu li kienu ġew diskriminati jew li kienu vittmi ta' reat fl-aħħar

12-il xahar ġew mistoqsija, b'rabta mal-aħħar inċident, jekk huma jew xi ħadd ieħor kienx għamel rapport – fil-każ ta' diskriminazzjoni, lil organizzazzjoni, uffiċċju jew fil-post fejn seħħet id-diskriminazzjoni, jew lill-pulizija fil-każ ta' vittimizzazzjoni kriminali – u, jekk le, 'għaliex?'.

- Is-sett tad-dejta sħiħ tal-istħarriġ se jkun jista' jipprovdi analiżi dettaljata tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' rappurtar minn gruppi differenti. Dawn ir-riżultati se joffru intuwitu fl-imġiba ta' non-rappurtar li jippermetti lil dawk li jfasslu l-politika jifhmu aħjar u, b'hekk, jindirizzaw il-kawżi tan-nuqqas ta' rappurtar bil-għan li jiġi inkoraġġit ir-rappurtar fil-ġejjieni.

**Eżempju 3:**

*Frekwenza tal-inċidenti ta' diskriminazzjoni u ta' vittimizzazzjoni razzista f'perjodu ta' 12-il xahar:*

- Is-sett tad-dejta sħiħ tal-istħarriġ se juri kemm ir-rispondenti esperjenzaw ta' spiss matul l-aħħar 12-il xahar kull tip ta' diskriminazzjoni u kull tip ta' reat.

- Din id-dejta se tkun sors għani ta' informazzjoni għal dawk li qegħdin ifittxu li jifhmu u jikkumbattu d-diskriminazzjoni u r-reati razzisti, billi se turi liema gruppi, u liema individwi fi ħdan il-gruppi (pereżempju, skont is-sess u l-età), jiġu diskriminati jew vittimizzati ripetutament f'perjodu ta' 12-il xahar.

- Fornuti b'din it-tip ta' informazzjoni, dawk li jfasslu l-politika u l-infurzar tal-liġi jistgħu jagħmlu għadd ta' affarijiet, ngħidu aħna: jistgħu jiffukaw ir-riżorsi fuq dawk li huma l-aktar affettwati mid-diskriminazzjoni u l-vittimizzazzjoni fi ħdan grupp, u jistgħu jindirizzaw lil dawk is-servizzi pubbliċi u privati fejn id-diskriminazzjoni kontra gruppi partikolari tidher li hija l-aktar frekwenti.

Għal iżjed informazzjoni u rapporti futuri tal-EU-MIDIS, ara:

**http://fra.europa.eu/eu-midis**

**Gallup Europe wettqu l-ġbir tal-informazzjoni għall-EU-MIDIS taħt is-superviżjoni tal-persunal tal-FRA li ħa sehem fis-sessjonijiet ta' taħriġ għall-intervistaturi u osserva l-ġbir tal-informazzjoni fi Stati Membri magħżula.**

## Il-Gruppi Mistħarrġa

***Il-gruppi għall-intervisti f'kull Stat Membru ntgħażlu fuq il-bażi ta' dan li ġej:***

- Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta lill-FRA min-Netwerk tagħha dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (RAXEN) ta' 27 Punt Fokali Nazzjonali (NFPs), li jipprovdu lill-Aġenzija b'rapporti nazzjonali annwali dettaljati dwar il-vulnerabbiltà ta' minoranzi differenti għad-diskriminazzjoni u l-vittimizzazzjoni f'kull Stat Membru;

- Minħabba li kienu l-akbar grupp jew gruppi minoritarju/i biex jiġu mistħarrġa f'kull pajjiż, li kellhom jilħqu daqs globali minimu ta' 5% biex ikunu suffiċjenti għal teħid każwali ta' kampjuni f'oqsma speċifiċi;

- Fid-dawl tal-preferenza għal gruppi li setgħu jiġu intervistati f'iżjed minn Stat Membru wieħed, li ppermetta l-ħolqien ta' gruppi 'kollettivi' – bħal 'persuni ġejjin mill-Afrika ta' Fuq' – għal tqabbil tar-riżultati.

**EU-MIDIS stħarreġ bejn wieħed u tliet gruppi immigranti, ta' minoranza etnika jew ta' minoranza nazzjonali f'kull Stat Membru tal-UE, b'minimu ta' 500 persuna intervistati għal kull grupp f'kull pajjiż.**

Minn dawn il-popolazzjonijiet fil-mira, l-istħarriġ identifika numru ta' 'gruppi kollettivi' fir-rigward ta' popolazzjonijiet li jikkondividu ċerta nazzjonalità jew nazzjonalitajiet, kif ukoll minoranzi nazzjonali bħalma huma r-Roma.

**EU-MIDIS - Gruppi Mistħarrġa**

| | |
|---|---|
| **L-Awstrija** | Torok |
| | Eks Jugożlavi[1] |
| **Il-Belġju** | Nies mill-Afrika ta' Fuq[2] |
| | Torok |
| **Il-Bulgarija** | Roma |
| | Torok |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Roma |
| **Ċipru** | Ażjatiċi[3] |
| **Id-Danimarka** | Torok |
| | Somali |
| **Il-Ġermanja** | Torok |
| | Eks Jugożlavi |
| **Il-Greċja** | Albaniżi |
| | Roma |
| **L-Estonja** | Russi |
| **Il-Finlandja** | Russi |
| | Somali |
| **Franza** | Nies mill-Afrika ta' Fuq |
| | Nies mill-Afrika tas-Sub-Saħara[4] |
| **L-Ungerija** | Roma |
| **L-Irlanda** | Nies mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant[5] |
| | Nies mill-Afrika tas-Sub-Saħara |
| **L-Italja** | Albaniżi |
| | Nies mill-Afrika ta' Fuq |
| | Rumeni |
| **Il-Latvja** | Russi |
| **Il-Litwanja** | Russi |
| **Il-Lussemburgu** | Eks Jugożlavi |
| **Malta** | Immigranti mill-Afrika (Ta' Fuq u tas-Sub-Saħara) |
| **L-Olanda** | Nies mill-Afrika ta' Fuq |
| | Torok |
| | Surinamin |
| **Il-Polonja** | Roma |
| **Il-Portugall** | Brażiljani |
| | Nies mill-Afrika tas-Sub-Saħara |
| **Ir-Rumanija** | Roma |
| **Is-Slovakkja** | Roma |
| **Is-Slovenja** | Serbi |
| | Bożnijaċi |
| **Spanja** | Nies mill-Afrika ta' Fuq |
| | Nies mill-Amerika ta' Isfel |
| | Rumeni |
| **L-Iżvezja** | Iraqini |
| | Somali |
| **Ir-Renju Unit** | Nies mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant |

1 Dawk minn xi wieħed mill-Istati suċċessuri tal-eks Jugożlavja
2 L-Alġerija, l-Eġittu, il-Marokk, is-Sudan, it-Tuneżija, is-Saħara tal-Punent
3 Is-subkontinent Indjan u x-Xlokk tal-Asja
4 Il-pajjiżi Afrikani l-oħrajn kollha mhux elenkati bħala tal-Afrika ta' Fuq – fosthom rispondenti Surinamin ta' oriġini mill-Afrika tas-Sub-Saħara.
5 Kull wieħed mit-12-il Stat Membru ġdid tal-UE, minbarra Ċipru u Malta, abbrevjati bħala CEE.

# Postijiet fejn sar l-istħarriġ

Billi l-immigrazzjoni hija kkonċentrata l-aktar f'żoni urbani, EU-MIDIS ippjana li jintervista gruppi f'postijiet urbani u semi-urbani; billi jiffoka fuq il-bliet kapitali u ċentru urban wieħed jew tnejn oħra b'konċentrazzjoni għolja tal-minoranza jew minoranzi magħżula biex jiġu intervistati f'kull Stat Membru.

Madankollu, sabiex jipprovdi kopertura suffiċjenti għal minoranzi nazzjonali fil-biċċa l-kbira rurali, jew meta ma kienx hemm żoni urbani distinti separati, proprji (pereżempju fil-każ ta' Ċipru u Malta), l-istħarriġ adotta approċċ ta' teħid tal-kampjuni 'fil-post' li stħarreġ il-minoranzi fil-postijiet fejn kienu

### Ħolqien ta' gruppi kollettivi li jippermettu tqabbil tar-riżultati bejn Stati Membri fejn ġew mistħarrġa gruppi simili; pereżempju:

- **Rispondenti bi sfond Roma** ġew intervistati f'seba' Stati Membri: Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.
- **Rispondenti bi sfond Tork** ġew intervistati f'sitt Stati Membri: L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Olanda.
- Is-sett tad-dejta komplet se jipprovdi analiżi dettaljata tar-rispondenti skont il-pajjiż tal-oriġini, u se jippermetti analiżi iżjed iffukata tar-riżultati.

### Il-persuni intervistati

**L-istħarriġ ħa kampjun ta' rġiel u nisa ta' 16-il sena u aktar li:**

- Identifikaw lilhom infushom bħala li jappartjenu għal wieħed mill-gruppi immigranti, ta' minorità nazzjonali jew ta' minorità etnika magħżula għat-teħid ta' kampjuni f'kull Stat Membru.
- Kienu ilhom jgħixu fl-Istat Membru għal mill-inqas 12-il xahar.
- Kellhom ħakma suffiċjenti tal-lingwa (waħda mil-lingwi) nazzjonali tal-Istat Membru li kien qed jiġi mistħarreġ li twassal għal konverżazzjoni sempliċi mal-intervistatur (traduzzjonijiet tal-kwestjonarji saru disponibbli f'lingwi oħra, u f'xi pajjiżi l-intervistaturi ġew ingaġġati mill-istess sfond minoritarju bħall-intervistati sabiex jassistu fil-proċess tal-intervisti).

### Żona ta' Kopertura tal-EU-MIDIS

| | |
|---|---|
| **L-Awstrija** | Vjenna |
| **Il-Belġju** | Brussell |
| | Antwerp |
| **Il-Bulgarija** | il-pajjiż kollu[6] |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | il-pajjiż kollu |
| **Ċipru** | il-pajjiż kollu |
| **Id-Danimarka** | Kopenħagen |
| | Odense |
| **Il-Ġermanja** | Berlin |
| | Frankfurt |
| | Munich |
| **Il-Greċja** | Ateni |
| | Tessaloniki |
| **L-Estonja** | Tallinn |
| **Il-Finlandja** | iż-żona tal-metro ta' Ħelsinki |
| **Franza** | iż-żona tal-metro ta' Pariġi |
| | Marsilja |
| | Lyon |
| **L-Ungerija** | Budapest |
| | Miskolc |
| **L-Irlanda** | Iż-żona tal-metro ta' Dublin |
| **L-Italja** | Ruma |
| | Milan |
| | Bari |
| **Il-Latvja** | Riga |
| | Daugavpils |
| **Il-Litwanja** | Vilnius |
| | Visaginas |
| **Il-Lussemburgu** | il-pajjiż kollu |
| **Malta** | il-pajjiż kollu |
| **L-Olanda** | Amsterdam |
| | Rotterdam |
| | L-Aja |
| | Utrecht |
| **Il-Polonja** | il-pajjiż kollu |
| **Il-Portugall** | iż-żona tal-metro ta' Lisbona |
| | Setubal |
| **Ir-Rumanija** | il-pajjiż kollu |
| **Is-Slovakkja** | il-pajjiż kollu |
| **Is-Slovenja** | Ljubljana |
| | Jesenice |
| **Spanja** | Madrid |
| | Barċellona |
| **L-Iżvezja** | Stokkolma |
| | Malmö |
| **Ir-Renju Unit** | iż-żona tal-metro ta' Londra |

6 Li jikkorrispondi għall-post tal-gruppi fil-mira rilevanti

jinsabu, li jista' jiġi kkaratterizzat bħala 'madwar il-pajjiż kollu'.

B'kollox, il-ġbir tal-informazzjoni għall-EU-MIDIS twettaq f'żewġ postijiet distinti ta' stħarriġ:

- Bliet kapitali u ċentri urbani oħrajn – f' 19-il Stat Membru
- 'Fil-post' madwar il-pajjiż kollu - fi 8 Stati Membri

Ir-riżultati tal-istħarriġ jirrappreżentaw l-opinjonijiet u l-esperjenzi ta' persuni li jgħixu f'dawk il-postijiet li ġew mistħarrġa f'kull Stat Membru.

## Kif Sar l-Istħarriġ

**L-istħarriġ uża l-prinċipji tat-teħid ta' kampjuni b'mod każwali sabiex jassigura li r-riżultati jkunu kemm jista' jkun rappreżentattivi għall-gruppi mistħarrġa fil-postijiet fejn ġew intervistati.**

In-natura kumplessa tal-popolazzjoni fil-mira tal-istħarriġ – gruppi differenti 'diffiċli biex tieħu kampjun tagħhom' madwar is-27 Stat Membru tal-UE – kienet riflessa fi strateġija ta' teħid ta' kampjuni daqstant ieħor kumplessa li għamlet użu minn numru ta' approċċi; li kollha kemm huma, bl-eċċezzjoni ta' wieħed, teħid ta' kampjuni b'netwerk, kienu bbażati fuq teħid ta' kampjuni każwali bbażat fuq il-probabilità.

F'6 mis-27 Stat Membru, il-minoranzi ġew identifikati permezz ta' teħid ta' kampjuni b'netwerk – li xi drabi jissejjaħ teħid ta' kampjuni ta' 'konvenjenza'. Dan l-approċċ jiġġenera intervisti billi jagħżel membri tal-grupp fil-mira permezz ta' organizzazzjonijiet, bħal NGOs li jaħdmu mal-minoranzi, jew f'postijiet fejn hemm it-tendenza li jiltaqgħu minoranzi partikolari, ngħidu aħna postijiet ta' qima jew ħwienet li jaqdu l-ħtiġijiet ta' minoranzi speċifiċi.

It-teħid ta' kampjuni b'netwerk intuża biss bħala l-aħħar alternattiva mill-EU-MIDIS fi Stati Membri fejn it-teħid ta' kampjuni b'mod każwali ma rnexxilux jiġġenera biżżejjed intervisti fuq perjodu ta' ġimgħat. Dan it-tip ta' kampjunar ta' 'konvenjenza' twarrab bħala l-approċċ prinċipali għat-teħid ta' kampjuni għall-istħarriġ minħabba li għandu t-tendenza li jipproduċi riżultati li mhumiex rappreżentattivi tal-popolazzjoni minoritarja b'mod ġenerali, iżda ta' dawk il-membri biss ta' gruppi minoritarji li jkunu

### L-Approċċ tal-EU-MIDIS għat-Teħid tal-Kampjuni

**Fl-istħarriġ intużaw l-approċċi segwenti għat-teħid ta' kampjuni b'mod każwali:**

- Teħid ta' kampjuni bbażat fuq ir-reġistru f'dawk l-Istati Membri fejn listi li jidentifikaw il-persuni skont in-nazzjonalità/ċittadinanza tagħhom setgħu jiġu aċċessjati sabiex jinħoloq kampjun każwali.
- Teħid ta' kampjuni standard b'mod każwali, bl-użu ta' unitajiet ta' kampjunar primarji biex jiġu allokati numri tal-intervisti f'postijiet differenti (fuq il-bażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli dwar il-popolazzjoni).
- Numerazzjoni ffukata u kampjunar Kish-grid intern ibbażat fuq il-prinċipju tal-'aħħar għeluq is-snin'.

Għal informazzjoni dettaljata dwar it-teħid tal-kampjuni ara r-Rapport Tekniku online tal-EU-MIDIS: http://fra.europa.eu/eu-midis

kkollegati ma' xulxin b'assoċjazzjoni (ġeneralment ħbiberija jew xogħol). Mill-banda l-oħra, it-teħid ta' kampjuni b'mod każwali jipproduċi riżultati li huma aktar rappreżentattivi tal-popolazzjoni li tkun qiegħda tiġi mistħarrġa, u għalhekk joffri bażi aħjar biex fuqha jinbnew inizjattivi ta' politika għal komunità ġenerali pjuttost milli għal membri magħżula.

## Rappurtar tar-Riżultati

EU-MIDIS jippermetti tqabbil tar-riżultati f'diversi modi:

- Bejn Stati Membri li għandhom popolazzjonijiet minoritarji simili; pereżempju, bejn pajjiżi fejn kienu intervistati rispondenti Torok, jew bejn pajjiżi fejn kienu intervistati nies mill-Afrika ta' Fuq;
- Bejn gruppi minoritarji differenti fi ħdan kull Stat Membru (fejn ġie mistħarreġ iżjed minn grupp wieħed fi Stat Membru).
- Skont firxa ta' karatteristiċi differenti tar-rispondenti, pereżempju: is-sess, l-età, il-livell ta' edukazzjoni, l-istat tax-xogħol, ir-reliġjon, u l-lingwa(i) materna(i), u dettalji bħalma huma n-numru ta' tfal fil-familja u jekk l-intervista saritx f'distrett fil-biċċa l-kbira minoritarju.
- Bejn gruppi minoritarji u gruppi fil-maġġoranza mistħarrġa bl-użu tal-istess mistoqsijiet fir-rigward ta': (1) mistoqsijiet fl-EU-MIDIS dwar l-esperjenzi ta'

infurzar tal-liġi li saru lil popolazzjonijiet minoritarji u popolazzjonijiet fil-maġġoranza li jgħixu fl-istess żoni f'għaxar Stati Membri; (2) ir-riżultati ġġenerati minn dan l-istħarriġ u dawk iġġenerati mill-istess mistoqsijiet użati f'servejs oħrajn imwettqa fuq popolazzjonijiet fl-Istati Membri li qegħdin fil-maġġoranza – fosthom mistoqsijiet meħuda mill-Eurobarometer.

- U, billi r-riżultati, fil-biċċa l-kbira jirreferu għall-akbar gruppi minoritarji fl-UE li huma vulnerabbli għad-diskriminazzjoni u l-vittimizzazzjoni, wieħed jista' jislet paraguni ġenerali mill-istħarriġ fir-rigward tal-gruppi differenti mistħarrġa. Madankollu, meta jsiru dawn il-paraguni, trid tingħata l-konsiderazzjoni xierqa għall-isfondi differenti u l-kuntest ta' kull grupp f'kull Stat Membru.

**Il-pubblikazzjonijiet segwenti se jiġu rilaxxati mill-istħarriġ, u se janalizzaw ir-riżultati tar-riċerka f'diversi modi:**

- ***Rapport Tekniku komplet*** (April 2009)
- ***Rapport komplet tar-Riżultati*** (fl-aħħar tal-2009)
- ***Sensiela ta' sa 9 rapporti 'Data in Focus'*** (matul l-2009 u l-2010), li se tippreżenta s-sejbiet prinċipali mill-istħarriġ. **Data in Focus 1 jesplora r-riżultati relatati mar-Roma** (April 2009)

**Ladarba r-rapporti 'Data in Focus' kollha mill-istħarriġ jiġu ppubblikati, l-Aġenzija għandha l-ħsieb li tagħmel is-sett tad-dejta tal-istħarriġ disponibbli b'mod pubbliku sabiex tkun tista' titwettaq aktar analiżi tar-riżultati minn kwalunkwe parti interessata – inklużi gvernijiet, NGOs u riċerkaturi.**

# DESKRIZZJONI TAL-GRUPPI INTERVISTATI

EU-MIDIS ġabar informazzjoni dwar il-karatteristiċi personali ta' kull rispondent; fosthom: is-sess, l-età, il-lingwa materna, iċ-ċittadinanza, il-pajjiż fejn twieled, kemm ilu residenti fil-pajjiż, l-istatus tal-impjieg, id-dħul tal-familja, is-snin ta' edukazzjoni, kif ukoll ir-reliġjon jew twemmin. Ir-riżultati mill-istħarriġ saru anonimi għal skopijiet statistiċi kollettivi sabiex ma tkun tista' tiġi identifikata l-ebda persuna. L-informazzjoni kollha ngħatat fuq bażi volontarja.

Barra minn hekk – l-intervistaturi nfushom imlew informazzjoni ta' sfond dwar id-distrett fejn saret kull intervista, u dwar iċ-ċirkustanzi tal-intervista; pereżempju, jekk l-intervistat kienx waħdu jew le matul l-intervista.

**Ir-riżultati dwar il-karatteristiċi tar-rispondenti u l-informazzjoni ġġenerata mill-intervistatur se jkunu disponibbli fil-ġejjieni mill-websajt tal-Aġenzija għal iżjed analiżi minn kwalunkwe parti interessata.**

***Oriġini***

Kważi r-rispondenti Roma kollha twieldu fl-istess pajjiż fejn ġew intervistati. Dan kien komuni wkoll għar-rispondenti Russi u Torok, li minnhom 10% biss kienu għexu fil-pajjiż għal inqas minn għaxar snin. Madankollu, 41% tar-rispondenti Russi u 35% tar-rispondenti Torok mhumiex ċittadini tal-pajjiż tar-residenza tagħhom.

B'kuntrast mal-gruppi stabbiliti, il-maġġoranza tal-persuni mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant kienu waslu fl-Istat Membru fejn jgħixu fl-aħħar ħames snin (u għalhekk ma kinux akkwistaw iċ-ċittadinanza tal-pajjiż il-ġdid tar-residenza tagħhom; 7% biss għamlu dan). Il-gruppi li ġejjin mill-Afrika ta' Fuq u dawk li ġejjin mill-Afrika tas-Sub-Saħara huma l-iżjed imħallta f'termini taż-żmien li qattgħu fil-pajjiż tar-residenza, u dawn il-gruppi jinkludu immigranti riċenti kif ukoll dawk li ilhom jgħixu 20 sena jew aktar fil-pajjiż.

***Tagħrif soċjo-demografiku u ekonomiku***

Fil-maġġoranza tal-gruppi, in-nisa u l-irġiel huma rappreżentati indaqs fost ir-rispondenti, iżda hemm kemxejn aktar irġiel fost ir-rispondenti li ġejjin mill-Afrika ta' Fuq, u iżjed nisa fost ir-rispondenti Russi. Rigward eċċezzjonijiet notevoli oħrajn, kważi l-immigranti Afrikani kollha f'Malta kienu rġiel, li jirriflettu t-tip ta' migrazzjoni partikolari li taffettwa lil Malta. In-nisa kienu rappreżentati l-aktar fost ir-rispondenti Ażjatiċi f'Ċipru.

Ir-Roma jispikkaw mill-gruppi l-oħrajn mistħarrġa, billi 30% tar-rispondenti Roma fil-kampjun marru skola għal ħames snin jew inqas. Mill-banda l-oħra, 50% tar-rispondenti Russi, u 40-45% tar-rispondenti mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, u mill-Afrika ta' Fuq, baqgħu jmorru l-iskola għal iżjed minn 14-il sena.

Il-qgħad huwa għoli fost ir-Roma (medja ta' 23%), iżda anki fost dawk li ġejjin mill-Afrika tas-Sub-Saħara (18%). Ir-rata ta' impjieg hija l-ogħla fost dawk li ġejjin mill-Ewropa tal-Lvant u Ċentrali (80% tar-rispondenti); bix-xogħol ikun ir-raġuni ewlenija għad-deċiżjoni tagħhom li jemigraw. Fost ir-rispondenti mill-Afrika ta' Fuq, ir-Roma, u t-Torok, il-figuri tal-qgħad setgħu kienu ogħla li ma kienx għan-numru kbir ta' nisa li għażlu li jibqgħu d-dar biex jieħdu ħsieb il-familja (30-40% tar-rispondenti nisa).

***Sfond reliġjuż u kulturali***

Iżjed minn 95% tar-rispondenti mill-Afrika ta' Fuq u Torok kienu Musulmani, u perċentwal kważi ugwali ta' rispondenti Roma u Russi identifikaw ruħhom bħala nsara. Fost il-gruppi kollha mistħarrġa, reliġjonijiet oħra, kif ukoll in-nuqqas ta' reliġjon, kienu rari. Aktar minn 90% tar-rispondenti mill-Afrika tas-Sub-Saħara u mill-Afrika ta' Fuq irrappurtaw li r-reliġjon kienet importanti ħafna jew pjuttost importanti f'ħajjithom. L-akbar ammont ta' rispondenti li qalu li r-reliġjon mhix importanti ħafna għalihom kien fost ir-Russi (48%) u l-Eks Jugożlavi (40%).

20-30% tar-rispondenti mill-Afrika tas-Sub-Saħara, mill-Afrika ta' Fuq u Torok qalu li jilbsu xi tip ta' lbies tradizzjonali jew reliġjuż meta jkunu fil-pubbliku. F'dawn il-gruppi kollha, huwa ferm aktar komuni għan-nisa milli għall-irġiel, li jilbsu dan l-ilbies.

**L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali**

**EU-MIDIS f'daqqa ta' għajn**
**Introduzzjoni għall-istħarriġ tal-FRA dwar id-diskriminazzjoni madwar l-UE**

Disinn: red hot 'n' cool, Vienna

2010 - 20 pp. - 21 x 29.7 cm

doi:10.2811/1941
ISBN 978-92-9192-416-5
TK-30-09-186-MT-N

Ammont kbir ta' informazzjoni dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali hija disponibbli fuq l-internet.
Jista' jsir aċċess għal din l-informazzjoni mill-websajt tal-FRA (http://fra.europa.eu).

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2009
Jista' jiġi kkupjat, ħlief għal skopijiet kummerċjali, bil-kundizzjoni li jissemma' s-sors.

Ċaħda:
Fil-każ ta' kwistjonijiet rigward din it-traduzzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-verżjoni bl-Ingliż, li hija l-verżjoni oriġinali u uffiċjali tad-dokument.

ISBN 978-92-9192-416-5
TK-30-09-186-MT-N

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet